MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 190/2009

Andrea **GRASSO**, bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' estera *Ingrosso Calzature Vieffe s.r.l.* ta' Brolo, Messina, l-Italja

vs

David **DESIRA** u Eugenia Desira

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fis-27 ta' Frar, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur *nomine* talab li din il-Qorti (a) taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ, ladarba l-imħarrkin ma

għandhom l-ebda eċċezzjoni x'iressqu kontra t-talba tagħha għall-ħlas; u (b) tikkundanna lill-imħarrkin biex iħallsuha *in solidum* is-somma ta' għoxrin elf mija u disgħa u erbgħin euro u disgħa u disgħin ċenteżmi (€ 20,149.99) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' diversi konsenji ta' żraben konsenjati bl-ingrossa lill-istess imħarrkin. Talab ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2009, li bih tat lill-imħarrkin il-fakulta' li jikkontestaw il-kawża ordnat in-notifika tal-atti lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-15 ta' Mejju, 2009, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalu li l-attur ma kellux is-setgħa li jressaq il-kawża kontra tagħhom għaliex m'għandux awtorizzazzjoni li tiswa mingħand il-kumpannija attriċi barranija biex jidher f'isimha, u wkoll li, fil-każ tal-imħarrka Eugenia Desira, l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tal-ħames snin maħsuba fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.  Fil-mertu, laqgħu billi qalu li huma m'għandhomx x'jaqsmu bl-ebda mod mal-kumpannija attriċi, u jekk xi darba kien hemm xi relazzjoni kummerċjali bejnhom u l-kumpannija, din kienet intemmet żmien qabel, kif kien fi ħsiebhom juru waqt is-smigħ tal-kawża.  Fl-aħħar nett laqgħu billi qalu li s-somma mitluba mill-attur *nomine* wkoll m'hijiex dik tajba għaliex ma turix il-ħlasijiet li huma kienu għamlu tul iż-żmien;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mid-difensur tal-imħarrkin waqt is-smigħ tal-1 ta' Ġunju, 2010[1], li biha huma irtiraw l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-kumpannija attriċi (traskritta)[2];

---

[1] Paġ. 91 tal-proċess
[2] Paġġ. 88 sa 90 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Ġunju, 2010, li bih tat lill-imħarrkin żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom permezz ta' Nota;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Ġunju, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fit-30 ta' Lulju, 2010[3], bi tweġiba għas-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-kumpannija attriċi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' kreditu mnissel minn konsenji ta' merkanzija li ma tħallsux. Il-kumpannija attriċi tgħid li kienet tforni lill-imħarrek bi żraben biex jinbiegħu mill-ħanut tiegħu f'Ħaż-Żabbar, u għad fadallu jħallasha l-bilanċ mitlub minnha fir-Rikors Maħluf. Billi hija tqis li l-imħarrkin ma kellhom l-ebda eċċezzjoni kontra t-talba tagħha għall-ħlas, fetħet din il-kawża bil-proċedura sommarja speċjali u qiegħda titlob ukoll li l-imħarrkin iħallsuha l-imgħaxijiet;

Illi, wara li l-imħarrkin seħħilhom juru li kellhom raġuni biex jitħallew jikkontestaw il-kawża, fit-Tweġiba Maħlufa tagħhom laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-attur *nomine* ma kellux is-setgħa li jidher għall-kumpannija attriċi u kif ukoll li, kontra l-imħarrka Eugenia Desira, l-azzjoni attriċi kienet waqgħet bil-preskrizzjoni tal-ħames snin skond l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li huma ma kellhom x'jaqsmu bl-ebda mod mal-kumpannija attriċi u li, f'kull każ, is-somma li hija kienet qiegħda titlob fil-kawża ma kinitx is-somma t-tajba għaliex ma tiħux qies tal-ħlasijiet akkont li kienu saru qabel ma nfetħet il-kawża;

---

[3] Paġġ. 92 – 7 tal-proċess

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-imħarrek imexxi ħanut għall-bejgħ taż-żraben f'Ħaż-Żabbar bl-isem ta' "*Stiletto Footware*". L-attur *nomine*, li jgħix fi Sqallija, ilu s-snin jinżel Malta u jforni lill-imħarrek b'konsenji bl-ingrossa ta' żraben li jsiru minn ditti differenti fl-Italja. Huwa jitħallas kummissjoni mingħand l-istess ditti fuq il-bejgħ magħmul, iżda jkun irid jagħmel tajjeb mal-istess ditti fuq in-nuqqas ta' ħlas tal-kunsinni mibjugħa[4];

Illi l-imħarrek kien jixtri regolarment mingħand l-attur *nomine*. Sal-2002, il-ħlas kien isir b'mod regolari. Ċirkostanzi personali fil-familja tal-imħarrkin[5] wassluhom biex ma jibqgħux iħallsu b'mod regolari u, f'Lulju tal-2003, waqfu għal kollox. Il-każ tal-lum jirrigwarda sitt (6) konsenji magħmulin bejn is-7 ta' Mejju, 2002 u t-30 ta' Ottubru, 2002[6]. Skond il-kumpannija attriċi, l-imħarrek ħallas biss parti mill-ewwel fattura (dik li ġġib in-numru 1232 bid-data tas-7 ta' Mejju, 2002[7]) u ma ħallas xejn aktar, għalkemm issemma li l-istess imħarrek kien talab iż-żmien biex jagħmel il-ħlas. Il-ħlasijiet akkont dwar limsemmija fattura saru permezz ta' *banker's drafts* pagabbli lill-kumpannija attriċi[8]. L-imħarrek wera wkoll dokument[9] li huwa jgħid li huma riċevuti ta' ħlasijiet oħrajn akkont li saru fl-ewwel nofs tas-sena 2004 u li huwa jgħid li ta lill-attur *nomine* f'idejh fi flus f'denominazzjoni ta' Lira Maltija dwar l-imsemmija fattura;

Illi f'Diċembru tal-2006[10], il-kumpannija attriċi interpellat lill-imħarrek bonarjament biex iħallas is-somma li kienet għadha mhux imħallsa u li hija dik li qiegħda tintalab fil-kawża. Permezz ta' ittra legali, l-imħarrek wieġeb ġimgħa wara[11]. F'Mejju tal-2007[12], il-kumpannija attriċi interpellat uffiċjalment lill-imħarrek biex iħallas. Il-kawża nfetħet fis-27 ta' Frar, 2009;

---

[4] Xhieda tiegħu 6.10.2009, f'paġ. 54 – 5 tal-proċess
[5] Xhieda tal-imħarrkin 6.10.2009, f'paġġ. 58 u 68 tal-proċess
[6] Dok "VF1", f'paġ. 7 tal-proċess
[7] F'paġ. 13 tal-proċess
[8] Paġġ. 10 sa 12 u 40 sa 43 tal-proċess
[9] Paġ. 46 *tergo* tal-proċess
[10] Dok "ND1", f'paġ. 38 tal-proċess
[11] Dok "ND2", f'paġ. 37 tal-proċess
[12] Dok "AGA", f'paġ. 36 tal-proċess

Illi l-konsiderazzjonijiet ta’ natura legali li jgħoddu għall-każ iridu jinbnew fuq dak li ħareġ mill-fatti. Wara li l-imħarrkin irtiraw l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tagħhom, kien jifdal li l-Qorti tqis sewwasew kemm kien l-ammont li l-kumpannija attriċi kellha l-jedd tippretendi u mingħand min;

Illi fit-**tielet eċċezzjoni tagħhom** l-imħarrkin jilqgħu billi jgħidu li huma ma għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mal-kumpannija attriċi. Fis-sewwa, huma jistqarru li, għal xi żmien kien hemm negozju għaddej bejnhom u l-kumpannija attriċi, iżda dan intemm. Matul il-ġbir tal-provi, l-imħarrek fisser f’aktar dettal x’riedu jgħidu biha din l-eċċezzjoni. Huwa qiegħed jgħid li l-attur Grasso kien lest jaċċetta li kull dejn pendenti li l-imħarrek seta’ kien għad fadallu kellu jitħallas lil Grasso u mhux aktar lill-kumpannija attriċi u dan għaliex Grasso kien assikurah li lill-kumpannija attriċi kien ħallasha hu u għalhekk l-imħarrek kien jaf lilu personalment. Dan itennuh ukoll fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet tagħhom[13];

Illi kif hekk imfissra, l-eċċezzjoni tal-imħarrkin tissarraf f’surroga tad-drittijiet jew f’novazzjoni. Dan jingħad għaliex l-imħarrkin jagħrfu li l-obbligazzjoni oriġinali kienet mal-kumpannija attriċi u mhux mal-attur Andrea Grasso. Il-Qorti ma ssibx li l-eċċezzjoni hija tajba taħt l-ebda waħda miż-żewġ aspetti msemmija. Fl-ewwel lok, m’huwiex mogħti lid-debitur l-għażla ta’ min huwa l-kreditur tiegħu, sakemm il-kreditur innifsu ma jkunx qabel li jdaħħal minfloku kreditur ieħor li jkun ħallas jew wettaq l-obbligazzjoni li tkun[14]. Lanqas ma ntwera li kien hemm xi ċirkostanza maħsuba fil-liġi biex l-imħarrek jista’ jgħid li seħħet xi surroga *ipso jure*[15]. B’xorti ħażina għalih, l-imħarrek jibni l-argument kollu fuq kliem u assikurazzjoni li huwa jgħid li tah Andrea Grasso bil-fomm fis-sens li d-dejn li kellu l-imħarrek mal-kumpannija attriċi kien ħa ħsiebu hu. Wieħed kien jistenna li l-imħarrek, jafda kemm jafda lil Grasso, kien jitlob imqar dikjarazzjoni li turi li l-kumpannija attriċi kienet tassew ħarġet ’il barra mis-sitwazzjoni u

[13] Paġġ. 94 u 96 tal-proċess
[14] Art. 1165(1) tal-Kap 16
[15] Art. 1166 tal-Kap 16

kienet issurrogat lil Grasso fil-jeddijiet tagħha fil-konfront tal-imħarrkin;

Illi, fit-tieni lok, lanqas jista' jingħad li seħħet xi novazzjoni tal-obbligazzjoni oriġinali li l-imħarrkin kellhom lejn il-kumpannija attriċi barranija. In-novazzjoni li għaliha jirreferi l-imħarrek jidher li hija dik maħsuba fl-artikolu 1179(ċ) tal-Kodiċi Ċivili. In-novazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet marbuta f'obbligazzjoni iħassru dik ir-rabta b'oħra ġdida minflokha;

Illi hija r-rieda tal-liġi li n-novazzjoni trid tidher ċar mill-fehma tal-partijiet li jikkuntrattawha, u ma tistax tiġi preżunta[16]. Biex isseħħ in-novazzjoni, l-obbligazzjoni l-qadima trid tinqatel u mhux sempliċement titbiddel[17]. F'każ ta' dubju, in-novazzjoni tiġi eskluża[18]. Huwa aċċettat li l-elementi meħtieġa biex isseħħ novazzjoni oġġettiva ta' obbligazzjoni huma (a) l-eżistenza ta' obbligazzjoni preċedenti li (b) għaliha tidħol obbligazzjoni ġdida li tħassar, u mhux biss timmodifika jew tibdel[19], 'il ta' qabilha b'mod li ż-żewġ obbligazzjonijiet ikunu inkompatibbli ma' xulxin[20]. Huwa meħtieġ ukoll li jintwera li (ċ) partijiet li joħolqu l-obbligazzjoni novanti jkollhom il-kapaċita' li jikkuntrattaw[21] u li (d) kellhom il-fehma li jħassru obbligazzjoni billi jibdluha ma' oħra ġdida[22]. Dwar dan l-aħħar element, m'huwiex biżżejjed li parti waħda kellha l-*animus novandi*, biex isseħħ in-novazzjoni, għaliex dik il-fehma trid tintwera li tkun ukoll fil-parti kontraenti l-oħra[23];

Illi lanqas ma huwa biżżejjed, biex jingħad li seħħet novazzjoni, li jkun intlaħaq ftehim ġdid dwar xi aspett aċċessorju tal-obbligazzjoni, għaliex b'dan ma tkunx inqatlet l-obbligazzjoni ta' qabel, imma tkun seħħet biss

[16] Art. 1180(2) tal-Kap 16
[17] Art. 1181(1) tal-Kap 16
[18] App. Ċiv. **6.6.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi et noe vs Ennis*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.169**)
[19] App. Ċiv. **25.5.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Koludrovich vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XL.i.204**)
[20] P.A. **10.10.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldacchino vs Casinġena et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.657**)
[21] Art. 1180(1) tal-Kap 16
[22] App. Inf. **22.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Joanna Briffa vs Bernard Gauċi et***
[23] App. Ċiv. **27.6.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo Randon vs Vella Gera*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.229**)

bidla fl-implimentazzjoni jew l-estent tagħha[24]. Fis-sustanza, f'ċirkostanza bħal din, l-obbligazzjoni oriġinali tkun tħalliet fis-seħħ[25]. Kemm hu hekk, il-fatt li tkun ingħatat fakulta' lid-debitur li jibdel jew itawwal iż-żmien tal-ħlas, ma jfissirx li b'hekk tkun saret novazzjoni[26], għaliex l-obbligazzjoni ewlenija ma tkunx tneħħiet, imma għall-kuntrarju, il-bdil jew estensjoni taż-żmien jippreżumu l-obbligazzjoni;

Illi huwa minnu li l-aqwa prova li tkun seħħet novazzjoni hija ftehim miktub li jesprimi l-ħolqien ta' obbligazzjoni ġdida minflok waħda oħra ta' qabilha. Imma tista' sseħħ novazzjoni billi tinħoloq obbligazzjoni ġdida li ma tkunx formalizzata fi ftehim miktub. F'ċirkostanza bħal din, allura, l-piż tal-prova li tkun inħolqot obbligazzjoni ġdida huwa wieħed aqwa, għaliex irid jintwera li fil-fatt kien hemm ftehim ġdid u li kien hemm il-fehma tal-partijiet li taqbel li jkun hemm tali ftehim ġdid[27]. Dwar dan ingħad li ma hemmx għalfejn li l-*animus novandi* jkun espress, sakemm jirriżulta kjarament[28];

Illi, fiċ-ċirkostanzi kollha li joħorġu mill-każ tal-lum, ma jista' jingħad bl-ebda mod li l-kumpannija attriċi barranija kienet irħiet il-pretensjonijiet tagħha għall-ħlas mingħand l-imħarrkin. Lanqas inġabet prova li wieħed jista' joqgħod fuqha li l-kreditu li qiegħda tippretendi l-imsemmija kumpannija tħallas tassew. Fuq kollox, mill-provi u mis-sottomissjonjiet infushom tal-imħarrkin, ma jirriżulta li sar l-ebda arranġament bejnhom u l-kumpannija kreditriċi tagħhom, iżda biss kliem li ngħad minn terza persuna li bl-ebda mod ma għandu s-saħħa li jorbot lill-imsemmija kumpannija kreditriċi;

Illi għalhekk, it-tielet eċċezzjoni m'hijiex sejra tintlaqa';

[24] App. Inf. **22.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***John's Garage Limited vs Nicholsons The Supermarket Ltd.***
[25] P.A. **22.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ et vs Micallef et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.142**)
[26] App. Kumm. **15.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca noe vs Grixti*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.74**)
[27] App. Inf. 9.4.2010 fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Schembri vs George Falzon***
[28] App. Ċiv. **12.6.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard vs Brincat et*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.499**)

Illi b'mod preliminari wkoll, tqanqlet l-**eċċezzjoni tal-preskrizzjoni** fir-rigward tal-imħarrka Eugenia Desira. Hija tgħid li l-azzjoni tal-kumpannija attriċi waqgħet kontra tagħha għaliex laħaq għadda ż-żmien ta' ħames snin kif maħsub fl-artikolu 2156(f) tal-kodiċi Ċivili. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-għaref difensur tal-kumpannija attriċi qal li l-imsemmija eċċezzjoni ma tiswiex, ladarba fl-istess Tweġiba Maħlufa l-imħarrkin iqajmu eċċezzjoni oħra fis-sens li l-ammont mitlub mill-attur *nomine* m'huwiex dovut. Iżid jgħid ukoll li ladarba kienet intbagħtet ittra uffiċjali lill-imħarrek David Desira, dan kellu effett li jinterrompi ż-żmien preskrittiv fil-konfront tal-imħarrka martu, ladarba dawn kienu debituri solidali tal-kumpannija kreditriċi tagħhom[29]. Biex iwarrbu dawn l-argumenti, l-imħarrkin jgħidu li meta ressqu l-eċċezzjoni li l-ammont mitlub huwa qawwi u li s-somma m'hijiex dovuta, kien ilu li għalaq iż-żmien tal-preskrizzjoni, u għalhekk, ladarba ż-żmien preskrittiv kien għadda, l-ebda eċċezzjoni oħra ma tista' tkun ta' ħsara għal min favurih ikun għadda ż-żmien preskrittiv;

Illi f'dan ir-rigward ukoll, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni m'hijiex mistħoqqa. Fl-ewwel lok, kif sewwa issottometta l-għaref difensur tal-kumpannija attriċi, l-interruzzjoni taż-żmien preskrittiv b'att ġudizzjarju kontra wieħed mid-debituri, jġib l-interruzzjoni taż-żmien preskrittiv ukoll fir-rigward tal-kondebituri. Id-dejn partikolari kien wieħed bla ebda dubju dejn fl-eżerċizzju ta' kummerċ u, f'dan ir-rigward, huwa preżunt li hemm is-solidarjeta'[30]. Fit-tieni lok, ilu żmien aċċettat li meta f'kawża wieħed iqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni flimkien mal-eċċezzjoni li l-ammont kif mitlub m'huwiex kollu dovut jew li huwa eżaġerat, dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ma joqogħdux flimkien u t-tieni twaqqa' l-ewwel waħda[31], għaliex impliċitament it-tieni eċċezzjoni hija stqarrija tal-eżistenza tad-dejn (jiġifieri għarfien tad-dejn li minnu nnifsu jikser iż-żmien tal-preskrizzjoni[32]) għalkemm tista' tkun tikkontesta l-*quantum* dovut. Ir-

[29] Art. 1100 tal-Kap 16
[30] Art. 115(1) tal-Kap 13
[31] App. Ċiv. **16.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Aluminium Limited vs Earli Limited***
[32] Art. 2133 tal-Kap 16

rinunzja ta' żmien preskrittiv tista' ssir ukoll wara li dak iż-żmien ikun għadda u għalaq[33] ;

Illi għalhekk, it-tieni eċċezzjoni wkoll m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi jifdal li l-Qorti tqis is-siwi tat-**tieni talba attriċi** u tar-**raba' eċċezzjoni** tal-imħarrkin. Mill-provi mressqa, jidher li l-kumpannija attriċi barranija qiegħda ssejjes it-talbiet tagħha fuq sitt fatturi[34]. Is-somma mitluba tieħu qies ta' ħlasijiet akkont li l-imħarrkin għamlu bil-*banker's drafts* imsemmija bejn Mejju tal-2003 u Lulju tal-istess sena. Dwar l-ammonti hekk imħallsa (u dawn ġew kollha akkreditati għall-ammont akbar li għalih tirreferi l-fattura 1232) ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet. Jidher ukoll li mill-aħħar ħames fatturi, li jammontaw b'kollox għal dsatax-il elf u sittax-il euro u tmienja u ħamsin ċenteżmi (€ 19,016.58), l-imħarrkin ma kienu ħallsu xejn. L-imħarrkin jallegaw li huma wettqu ħlasijiet oħrajn fi flus kontanti f'denominazzjoni ta' Lira Maltija direttament lil Andrea Grasso meta kien jiġi jżur il-ħanut tagħhom;

Illi jaqa' fuq l-imħarrkin li jippruvaw tassew li huma wettqu ħlasijiet oħrajn b'żieda ma' dawk li tagħraf il-kumpannija kreditriċi tagħhom. Meta titqajjem l-eċċezzjoni li xi parti minn somma mitluba tkun diġa' mħallsa, jaqa' fuq il-parti mħarrka d-dmir li tissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-każ, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Biex tali eċċezzjoni tilħaq l-għan tagħha, jeħtieġ ukoll li jintwera li l-ħlas ikun sar lil persuna li tassew kienet awtorizzata bil-liġi li tirċevih[35]. Hekk sa minn dejjem kien miżmum mill-Qrati f'materja bħal din. Ir-riċevuta hija l-aqwa prova tal-ħlas, u fin-nuqqas ta' prova bħal din titnissel il-preżunzjoni li l-ħlas ma jkunx tassew seħħ.

---

[33] App. Inf. **17.12.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***Pius Grech et noe vs Dr. Charles Xuereb***

[34] Dokti. F'paġġ. 13 – 9 tal-proċess

[35] P.A. **14.3.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Montanaro Gauċi noe et*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.930)**

Jeżistu modi oħrajn, madankollu, kif jista' jintwera bi prova oħra xierqa li l-kreditu tal-kreditur ikun tħallas[36];

Illi l-imħarrkin ressqu dokument li jgħidu li fih il-kitba ta' Andrea Grasso u li juri liema kienu l-ħlasijiet li huma tawh fi flus kontanti f'denominazzjoni ta' Lira Maltija. Dan id-dokument jagħmel mill-fattura 1232 tal-konsenja li saret f'Mejju tal-2002. Il-kitba turi li saru erba' ħlasijiet bejn Jannar tal-2004 u Ġunju tal-2004. L-attur ma jiċħadx li saru dawk il-ħlasijiet, iżda jgħid li dawk kienu jirreferu għal ħlasijiet ta' xogħol ieħor u mhux dak tal-kumpannija attriċi. Il-Qorti, f'dan ir-rigward, jidhrilha li huwa iżjed ta' min joqgħod fuqu dak li qegħdin jgħidu l-imħarrkin. In-notament jindika li min kiteb dak in-notament kien qiegħed jiddikjara li dawk il-ħlasijiet kienu "*ricevuto x (per) Vieffe*". Wieħed jifhem li dawk il-ħlasijiet kienu akkreditati lill-eqdem minn fost il-fatturi li kienu għadhom m'humiex imħallsin. Is-somma sħiħa ta' dawk l-erba' ħlasijiet titla' għal disa' mija u tmien euro u sitta u erbgħin ċenteżmi (€ 908.46);

Illi jekk imbagħad wieħed inaqqas din is-somma mis-somma sħiħa li l-kumpannija attriċi qiegħda titlob fir-Rikors Maħluf tagħha, wieħed jasal għas-somma ta' dsatax-il elf mitejn u wieħed u erbgħin euro u tlieta u ħamsin ċenteżmi (€ 19,241.53). Ma jidhirx li huwa b'kumbinazzjoni li d-dokument li l-imħarrek għadda lil Andrea Grasso għall-ħabta tal-2008[37] (jiġifieri qabel ma nfetħet din il-kawża) bi proposta ta' ħlasijiet b'terminu tal-ammont dovut juri li l-ammont sħiħ hemm imsemmi jammonta għal dsatax-il elf mitejn u wieħed u erbgħin euro (€ 19,241). Il-Qorti tqis li dan id-dokument jikkonferma li l-imħarrek innifsu jqis li huwa kien u għadu debitur f'dik is-somma, u jikkonferma wkoll li l-attur *nomine* nnifsu kien qiegħed jaqbel mal-imsemmi ammont. Dak li ma qabilx miegħu l-attur *nomine* kien biss iż-żmien li l-imħarrek kien qiegħed jipproponi biex jaqta' dak id-dejn;

---

[36] P.A. **23.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Darmanin vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.776**) u App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Chetcuti et vs Pearson et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.317** a fol. 322 – 3)
[37] Dok "AGC", f'paġ. 33 tal-proċess

Illi l-fatt li d-dokument sar mill-imħarrek innifsu u li fih huwa jgħid li l-ħlasijiet kienu dovuti lil Andrea Grasso ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-ammont huwa mistqarr. Dwar lil min dak il-ħlas huwa dovut, il-Qorti diġa' qieset il-kwestjoni aktar 'il fuq;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li t-tieni talba attriċi hija mistħoqqa, iżda mis-somma sħiħa jmissu jitnaqqas ukoll il-ħlas akkont li l-imħarrek għamel matul l-2004 u li l-kumpannija attriċi naqset li tikkunsidra;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi l-kawża billi:

**Tastjeni milli tqis iżjed l-ewwel talba attriċi** u dan fid-dawl tad-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2009;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin għaliex ma jiriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u f'parti minnha **r-raba' eċċezzjoni** billi tiddikjara li l-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom huma debituri tal-kumpannija attriċi fis-somma ta' dsatax-il elf mitejn u wieħed u erbgħin euro (€ 19,241) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' konsenji ta' żraben mibjugħa mill-kumpannija attriċi lill-imħarrek;

**Tikkundanna** lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom biex iħallsu lill-kumpannija attriċi l-imsemmija somma ta' dsatax-il elf mitejn u wieħed u erbgħin euro (€ 19,241) flimkien mal-imgħaxijiet legali b'seħħ mid-9 ta' Mejju, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tordna** li l-imħarrkin iħallsu wkoll l-**ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------